MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Numru 841/1999

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Valletta)
vs
Owen Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Owen Zammit, iben Fidele u Mary Rose nee’ Zammit, imwieled Pieta fl-20 ta’ Settembru 1975 u detentur tal-karta tal-identita Nru 460775(M); li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-7 ta’ Gunju, 1999 f’xi hin wara nofsinhar bejn il-Mellieha u x-Xemxija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ feriti gravi fuq il-persuna ta’ Richard u Rita Falzon, wera dan il-hsieb, b’atti esterni u li taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DBA-234 fid-direzzjoni ta’ vettura numru BAW-094 misjuqa minn l-imsemmi Richard Falzon, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura nru DBA-234 b'manjiera traskurata u perikoluza u b'sewqan eccessiv;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-provedimenti ta' Sec. 383 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-7 ta' Gunju 1999 il-pulizija irceviet rapport minghand Richard Falzon fis-sens illi huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu, kien hemm martu fil-vettura u meta waslu hdejn Ta' Pinellu l-Mellieha raw Van Toyota ta' lewn metallic griz li saq ghad-direzzjoni taghhom u s-sewwieq ta' dan il-van Toyota beda jinsulta lilu, jigifieri lil Richard Falzon u lil mara tieghu u jkellmu b'mod oxxen. Falzon qal ukoll illi ghall-ewwel ma tax kaz, pero' kompla isuq, wasal in-naha tax-Xemxija hdejn il-Beach Haven u dan il-Van il-griz rega' lehaqhom, nizel l-imputat fuq imsemmi minn dan il-van u stieden lil Richard Falzon ghall-glied. Richard Falzon rega' injorah u kompla isuq ghan-naha tal-bypass tax-Xemxija. Is-Sur Falzon irrapporta lill-pulizija li l-imputat deher li kien fis-sakra. Gew infurmati l-pulizija ta' Hal-Qormi illi arrestaw lill-imputat. Ma sar l-ebda breathalyser test lill-imputat. Is-Surgent Ronnie Azzopardi illi ha r-rapport tas-Sur Falzon xehed illi huwa lanqas kellem fl-ebda hin lill-imputat.

Illi xehed il-kwerelant Richard Falzon f'dawn il-proceduri u qal illi fis-7 ta' Gunju 1999 kien fil-karozza tieghu flimkien ma martu u ma ibnu tiela t-telgha tax-Xemxija u warajh kien qieghed jigbed dghajsa. X'hin qabad it-Triq tal-Ghadira lemah lill-imputat fuq imsemmi illi beda isegwih bil-karozza. Huwa xehed illi l-imputat waqaf hdejh bil-van u beda irossu, beda jkellmu hazin u kliem oxxen, waqaf quddiemu bil-karozza tieghu biex iwaqfu bid-dghajsa. Umbaghad skond Richard Falzon l-imputat baqa' isuq u fit-telgha tal-Mellieha waqaf fin-nofs hdejn ix-xebra crossing u nizel ghalih u stiednu ghall-glied. Pero' huwa baqa' sejjer bil-karozza. L-imputat rega' saq warajh u rega' rassu hdejn il-Belleview. Rega' waqaf jistiednu ghall-glied hdejn il-Beach Haven u nizel mill-van ghat-tieni darba. Falzon xehed illi umbaghad huwa qabbad il-bypass tal-Beach Haven u beda tiela l-gholja. L-imputat hemm hekk rega' gie warajh. Hemm hekk cint ma hemmx u skond ix-xhud l-imputat beda irossu bil-van u seta' tefghu ghal isfel. Mitlub jispjega ghalfejn l-imputat ghamillu dan kollu ix-xhud qal illi l-gurnata ta' qabel kien mal-imputat u ma missieru bid-dghajsa gejjin minn Kemmuna, l-imputat beda' jiggieled ma missieru u hu mar jifroqhom. Pero' l-imputat baqa' jghajjat hafna ma missieru u gew anke' fl-idejn u dakinhar huwa anke kien ghajjar lill-imputat kiesah. Falzon kompla jghid illi l-ghada meta l-imputat beda irossu bil-karozza u jistiednu ghall-glied beda joffendilu lill-martu u beda jkellmu b'diskors iebes biex jinzel ghall-glied. Wara li rassu darbtejn Falzon ma felahx aktar qallu, 'Mur stennini, taf fejn noqghod, ghatini cans halli inwassal il-familja tieghi d-dar'. U kif qallu hekk l-imputat telaq. Pero' Falzon minflok mar id-dar biex jiggieled mal-imputat mar l-ghassa tal-pulizija sabiex jaghmel rapport.

Illi xehdet Rita Falzon, mart Richard Falzon u ikkonfermat ix-xhieda illi ta r-ragel taghha.

Illi xehdu l-genituri tal-kwerelant Anthony Falzon u Carmen Falzon illi ukoll ikkonfermaw ix-xhieda tal-istess kwerelant Richard Falzon.

Illi pero’ l-Qorti tinnota illi meta Richard Falzon ghamel il-kwerela tieghu, ghamel ir-rapport lill-pulizija fl-ebda hin ma semma illi ommu u missieru kienu qeghdin isegwuh bil-vettura taghhom u ghaldaqstant il-Qorti issibha daqsxejn difficcli biex temmen ix-xhieda tas-Sinjuri Carmen Falzon u Anthony Falzon u wisq tahseb li ma kienux prezenti u ma raw xejn mill-incident in kwistjoni.

Illi rega’ xehed Richard Falzon u cahad illi gurnata qabel ma inqala l-incident in kwistjoni huwa kien qal kliem lill-genituri tal-imputat fis-sens ghal fejn ma taqbduhx b’referenza ghall-imputat u tixhtuh ‘il barra mid-dar, lilu, lill-mara tieghu u lit-tifla tieghu.  Huwa cahad illi qatt qal dawn il-kliem.  Huwa qal illi meta kien ra lill-imputat jiggieled ma missieru huwa kien qal lil missier l-imputat, ‘Imxi daqsxejn hdejna sakemm jghaddilu’.  Pero’ fl-ebda mod ma indahal fl-incident li kellu l-imputat ma missieru. Falzon cahad illi meta ra lill-imputat l-ewwel darba bil-karozza hdejn it-telgha tal-Mellieha l-imputat kien ghamillu xi sinjal biex jieqaf ikellmu.  Huwa xehed illi meta kienu qeghdin hdejn l-Beach Haven ma jafx fejn kien il-van tal-imputat, pero’ huwa kien ra lill-imputat mal-hadid u issoppona b’hekk illi l-imputat kien qieghed jistennih. Dwar meta kien fit-telgha tax-Xemxija Falzon cahad illi l-imputat kien fuq il-karreggiata ta’ barra u lilu talbu biex jieqaf biex ikellmu.  Baqa’ jghid illi l-imputat beda irossu. Richard Falzon ikkonferma illi fl-ebda mument l-imputat ma laqtu bil-vettura tieghu u lanqas ma sofra xi hsara fil-vettura tieghu kawza tal-incident in kwistjoni.  Huwa xehed illi dejjem baqa’ fil-karreggjata tieghu, pero’ beda’ jzomm il-‘break’ kontinwament u dana peress illi l-imputat beda’ jigi bil-van bi swiet il-vettura tieghu jghajjru, jkellmu oxxen u jistiednu ghall-glied.  Richard Falzon xehed ukoll illi gurnata qabel ma inqala l-incident in kwistjoni huwa kien hareg bid-dghajsa flimkien mal-imputat u ma missieru u kienu marru Ghawdex u Kemmuna.  Falzon cahad illi qatt qal xi kliem lill-genituri tal-imputat fis-sens ghalfejn ma taqbduhx u tixhtuhx ‘il barra mid-dar bil-mara u bit-tifla b’kollox.  Pero’ Falzon ikkonferma illi fil-fatt l-imputat kellu incident ma missieru gurnata qabel l-incident de quo u illi Falzon kien ghajjar lill-imputat kiesah u dana peress illi l-imputat kellu xi jghid dakinhar ma missieru.

Illi pero’ omm u missier l-imputat xehdu fis-sens illi l-imputat kien qal lil missier l-imputat ghalfejn ma taqbadx u tixhet lil ibnek ‘il barra bil-mara u bit-tifla b’kollox u dana peress illi Falzon kien hadha kontra l-imputat talli l-imputat kellu xi jghid ma missieru.

Illi l-imputat xehed li kien ghalhekk illi huwa kien irrabjat ferm ma Richard Falzon u dana peress illi huwa qatt ma kellu xi jghid ma Richard Falzon, dejjem kien issewwilu d-dghajsa, kienu johorgu flimkien ukoll bid-dghajsa, kienu joqghodu vicin ta’ xulxin fil-post tal-velleggatura taghhom u qatt ma kellhom xi jghidu u ghalhekk kien hadha bi kbira hafna meta ommu u missieru kienu infurmah illi Falzon kien qalilhom illi imisshom jitfghuh ‘il barra mid-dar.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u qal illi huwa dakinhar kien ra lil Richard Falzon fil-karozza, kien irrabbjat ghalih ghaliex deherlu li ma kellux ikellem lil missieru dwaru bil-mod kif kien kellmu u daqqlu l-‘horn’ sabiex jieqaf u jkun jista jkellmu. Fil-fatt ghamillu s-sinjal biex iwaqqaf. Skond l-imputat Falzon beda’ jghajjat u huwa qallu, ‘Jien x’ghamiltlek lilek?’ Umbaghad Falzon qallu, ‘Lili tkellimnix iktar u tharisx lejja.’ Ma riedx iwaqqaf u umbaghad huwa, jigifieri l-imputat rega’ ipprova iwaqqaf lil Falzon ix-Xemxija. L-imputat cahad illi ipprova iggenneb lil Falzon bil-karozza, jew inkella illi saq b’xi mod illi seta’ iwassal lil Falzon biex jahbat. Huwa qal illi dan zgur ma kienx ser jaghmlu ghaliex il-karozza li kien qed isuq ma kienitx tieghu, imma kienet ta’ missieru. L-imputat kompla jixhed illi huwa baqa isuq wara Falzon u waqaf hdejn il-Beach Haven. Falzon kien qieghed isuq bil-mod ghaliex id-dghajsa warajh u hu qaghad jistennih hdejn il-Beach Haven. Ipparkja l-karozza tieghu faccata u nizel hemm hekk fejn kien qieghed jitkellem ma ragel iehor. Skond l-imputat kif nizel Falzon hu qallu, ‘Umbaghad niltaqghu’. L-imputat kompla jixhed illi rega’ dahal fil-van tieghu u rega’ saq u lahaq lil Falzon hu u nizel il-bypass ta’ San Pawl il-Bahar. L-imputat xehed illi huwa baqa isegwi lil Falzon, kienu fil-bypass ta’ San Pawl il-Bahar, kienu qabzu l-gholi, t-triq kienet qeghda ghal isfel u l-imputat cahad illi ghamel xi manuvra illi permezz

taghha rass bil-vettura tieghu l-vettura ta’ Falzon.  Skond hu kullma ghamel kien illi qallu, ‘Mela ieqaf minflok toqghod tparla fil-vojt’.  L-imputat xehed illi huwa resaq lejn Falzon biex ikellmu.  Huwa xehed illi tul it-triq kollha dejjem baqa’ ghaddej bi speed normali, l-istess ghamel Falzon u Falzon ma ghamel l-ebda manuvra sabiex jipprova jahrab mill-imputat.  L-imputat kompla jixhed illi meta talab lil Falzon biex jieqaf Falzon qallu, “Owen erhini ha nasal id-dar.  Umbaghad niltaqghu Hal-Qormi” u meta qallu hekk l-imputat ma baqax isegwih.  L-imputat xehed li dakinhar huwa ma kienx xorob.  Huwa cahad illi kien qieghed jipprova johloq xi incident awtomobilistiku u qal illi l-vettura ma kienitx tieghu, kienet ta’ missieru u kienet tiswa hafna flus u huwa certament ma riedx jaghmel hsarat f’din il-vettura.  L-imputat qal ukoll illi huwa meta kien waqaf hdejn il-Beach Haven xi hadd kien insulentah jew mill-karozza ta’ Falzon, jew inkella xi hadd mill-karozza ta’ omm u missier Falzon li kienu qeghdin isuqu precizament wara Falzon u kien ghalhekk li huwa rega’ dahal fil-van u mar ikompli isegwi lil Falzon.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara, illi mill-asjem tal-provi, gie ippruvat illi l-imputat saq b’mod traskurat u perikoluz.

Illi, pero’, ma giex ippruvat illi l-imputat kellu l-intenzjoni illi jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Richard u Rita Falzon, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga incidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Illi, kif xehed l-istess imputat, li kieku huwa ried isawwat jew jikkaguna xi offiza ta’ natura gravi fuq Falzon jew fuq martu, huwa ma kienx joqghod kontinwament isuq sabiex jilhqu u ikellmu mit-tieqa tal-karozza tieghu, kif fil-fatt beda’ jaghmel.  Dak illi ghamel l-imputat kien fil-fatt illi beda isegwi lil Falzon, li ma setghax jimxi b’xi speed peress illi kien qieghed jittowja d-dghajsa warajh.  Kien ghalhekk illi l-imputat beda’ isegwih u f’diversi okkazzjonijiet kellu ukoll jirrallenta, jieqaf fil-fatt bil-van tieghu u jaqsam it-triq u joqghod jistenna lil Falzon gej, kif

fil-fatt ghamel meta kien San Pawl il-Bahar, hdejn il-Beach Haven.

Illi l-agir tal-imputat certament ma iwassalx sabiex il-Qorti tkun sodisfatta moralment illi l-imputat kellu l-intenzjoni illi jikkaguna feriti ta' natura gravi.

Illi l-imputat fix-xhieda tieghu ammetta illi kien irrabjat peress illi Falzon kien qal lil missieru illi imissu jitfghu 'il barra mid-dar u huwa ried ikun jaf ghalfejn Falzon kien qal dan id-diskors fil-konfront tieghu, meta hu qatt ma kellu argumenti ma Falzon, anzi kienu hbieb, kien isewwilu d-dghajsa u kienu johorgu flimkien.

Illi l-Qorti ma tistax pero' ma tikkundannax l-agir tal-imputat. Wiehed ma jistax f'sahna ta' demm isegwi vettura, ikellem kontinwament lid-driver mit-tieqa tal-vettura tieghu u kontinwament jitolbu biex jieqaf u jistiednu ghall-glied. Illi kien proprju dan illi ghamel l-imputat u dan l-agir tieghu certament jammonta ghal sewqan traskurat u perikoluz.

Illi, kif diga' inqal, ma giex ippruvat illi l-imputat kellu l-intenzjoni illi jikkaguna feriti ta' natura gravi. Il-Qorti tirrileva ukoll illi ma gara xejn incidentali u indipendenti mill-volonta tal-imputat illi waqqaf lill-imputat milli jikkommetti dawn l-allegati feriti ta' natura gravi. L-imputat minn jeddu waqaf milli jkompli isegwi lil Falzon appena Falzon qallu illi kien ser jiltaqa mieghu Hal-Qormi.

Illi l-imputat evidentement ried jiggieled ma Falzon, ried jiehu sodisfazzjon ta' dak illi Falzon kien qal lil ommu u lil missieru dwaru u b'hekk stiednu ghall-glied. Kif Falzon accetta l-invit tieghu ghall-glied l-imputat waqaf milli jkompli isegwih.

Illi mhuwiex verosimili illi l-imputat beda jipprova jikkaguna feriti gravi billi johloq incident awtomobilistiku meta l-istess Falzon kien qieghed jigi segwit il-hin kollu mill-vettura misjuqa minn missieru li fiha kien hemm ukoll ommu.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 15 u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt illi qeghda tikkundanna lill-imputat ghall-multa ta’ mitt lira (LM100), qeghda tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ tletin gurnata (30) li jibdew jghaddu mil-lum.

Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuza ta’ attentat ta’ feriti gravi fuq il-persuni ta’ Richard u Rita Falzon, liema akkuza ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Il-Qorti finalment rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-imputat b’obbligazzjoni tieghu iniffsu taht penali ta’ multa ta’ mitt lira ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar mill-lum milli b’xi mod jimmolesta aktar lil Richard u lil Rita konjugi Falzon.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------